# M I N U T I

## LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 24

7 ta' Jannar 2026

L-erba' u għoxrin (24) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa ta' Jannar 2026 fil-5.15pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |

ASSENTI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

23.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

23.1.1. Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ittri t'apoloġiji tal-Kunsilliera JP li talbet li tkun skużata minħabba raġunijiet ta' saħħa.

23.2 **FESTIVAL NAZZJONALI TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT**

23.2.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li kif qal fil-laqgħa preċedenti, kienet inżammet laqgħa ma' membri tal-Għaqda Piroteknika Maltija fejn ġie diskuss li l-parteċipanti kienu qed iħossu li s-sussidju li qed jiġi mogħti mill-Kunsill kien wieħed baxx wisq. Huma kienu ipproponew li s-sussidju li jingħata mill-Kunsill jiżdied għal €4000 kull kamra.

23.2.2. Il-Kunsillier DC staqsa jekk kienx hemm spejjeż oħra li kienu relatati ma' din l-attività. Is-Sindku qal li l-kumplament tal-ispejjeż jitħallsu mill-Awtorità tat-Turiżmu.

22.2.2.1. Il-Kunsillier DC staqsa jekk kienx hemm konferma minnhom li kienu ser jassorbu dawn l-ispejjeż ta' din l-edizzjoni.

22.2.2.2. Is-Sindku qal li kienet inżammet laqgħa wara l-festa u ma kienx intqal mod ieħor. Huwa qal li kien tkellem ukoll mas-Sur Stefan Vella għal ħabta ta' Novembru u kienu jidhru li kienu kommessi jkomplu jieħdu ħsieb il-loġistika, il-ġurija u dak kollu li jieħdu ħsieb issoltu.

22.2.2.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li jkun aħjar li l-Kunsill jiċċara din il-materja qabel sabiex ikun hemm konferma ta' kemm ser tkun l-ispiża totali li jrid joħroġ il-Kunsill.

22.2.2.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill jista' jiċċara s-sehem tagħhom però huma żgur li ma jridux jassorbixxu l-ispejjeż tal-kmamar tan-nar.

23.2.3. Il-Viċi Sindku JAE staqsa x'għajnuna jista' jfittex il-Kunsill biex tali żieda fis-sussidju ma tkunx assorbita biss mill-Kunsill u tkun assorbita wkoll minn entitajiet oħra li jorganizzaw attivitajiet simili madwar Malta u Għawdex.

23.2.4. Huwa qal li l-materjal ma kienx żdied biss għall-parteċipanti li jieħdu sehem f'dan il-festival iżda anke għal dawk li jaħdmu n-nar tal-ajru.

23.2.5. Huwa kompla billi qal li l-festival tan-nar tal-ajru jsir bi sħab ma' Visit Malta u mal-Awtorità tat-Turiżmu.

23.2.6. Il-Viċi Sindku JAE qal li din kienet ser tkun spiża rikorrenti u għalhekk anke jekk il-Kunsill jaffordja jissussidja dan l-ammont dis-sena, ma jfissirx li ser jkun f'pożizzjoni li jkompli

jagħmel dan fis-snin li ġejjin. Huwa qal li jħoss li din kienet spiża li l-Kunsill ma jiflaħx għaliha minħabba li l-fondi u l-allokazzjoni tal-Kunsill kienu qed jibqgħu l-istess minkejja li l-ispejjeż kienu iktar ma jmur jiżdiedu.

23.2.7. Il-Viċi Sindku JAE qal li jaħseb kien hemm qbil unanimu li dan il-festival jibqa' jsir biss jekk ser iwassal għall-piż finanzjarju, allura wieħed irid jara x'se jsir.

23.2.8. Il-Kunsilliera SSH qalet li taqbel li dan il-festival jibqa' jsir iżda hemm bżonn ukoll konferma mill-Awtorità tat-Turiżmu dwar x'se jkun is-sehem tagħhom f'din l-edizzjoni.

23.2.9. Is-SE qal li kienet intalbet laqgħa mal-istess awtorità iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

23.2.10. Il-Viċi Sindku JAE qal li dawn l-entitajiet kienu kontinwament iħabbtu l-bieb tal-Kunsill biex jorganizzaw attivitajiet fil-lokalità. Huwa qal li kien imiss li jagħtu xi ħaġa lura min-naħa tagħhom.

23.2.11. Is-Sindku qal li l-Awtorità tat-Turiżmu kienet tħallas lill-Kunsill dak li hu dovut minnha. Il-Viċi Sindku insista li jekk hemm bżonn il-Kunsill għandu jitlob iktar.

23.2.12. Is-Sindku qal li ma jistax jifhem għalfejn tali materja ma ġietx imqajjma qabel. Huwa qal li kien qed jagħfas iż-żmien u l-kunsillieri kellhom jerfgħu ir-responsabbiltà tagħhom billi tali proposta jissuġġerixxuha l-għada li tkun inżammet il-laqgħa u mhux xhur wara. Huwa qal li dan kien ifisser li l-Kunsill ma jistax jipproċedi sakemm jirċievi risposta mill-Awtorità tat-Turiżmu, dan minkejja li ż-żmien kien qed jagħfas.

23.2.13. Is-Sindku kompla billi qal li l-Gvern taħt leġislatura oħra kien kontra li jikkommetti ruħu żżejjed minħabba l-biża li jiġi jidher li qed jissussidja festa parrokkjali. Huwa qal ukoll li hemm il-kwistjoni li l-festival jittieħed mil-lokalità jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jkompli jiffinanzjah. Huwa irrefera għall-attività ta' tmiem l-ewwel tas-sena li bdiet mill-Floriana, ma baqgħetx issir fil-lokalità u bdiet issir fil-belt kapitali. Is-Sindku qal li kien għadu dispjaċut sal-lum li dan sar minkejja li kien hemm policy li l-Gvern ma jissussidjax attivitajiet li kienu qed isiru mill-kunsilli lokali.

23.2.14. Is-Sindku qal li ż-żieda fl-ispiża kienet ilha pendenti minn Ġunju tas-sena l-oħra wara postmortem li kien sar mal-entitajiet konċernati. Huwa insista li l-kunsillieri jridu iktar hands on u iktar proattivi u li ma jkunx hemm stennija minn laqgħa għall-oħra biex isir xi ħaġa.

23.2.15. Il-Viċi Sindku JAE reġa' qajjem il-mistoqsija jekk il-Kunsill jiflaħx għal din l-ispiża.

23.2.16. Wara li kompla jiddiskuti, il-Kunsill qabel li l-Kunsillier DC, li kien responsabbli mill-attivitajiet, għandu jieħu ħsieb jagħmel kuntatt mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex ifittex ikollu risposta dwar din il-materja.

23.2.17. Is-SE ġibed l-attenzjoni li ċertu materjal jista' jiġi modifikat u jerġa' jintuża.

23.2.18. Matul id-diskussjoni issemmiet ukoll il-possibbiltà li jibdew jintalbu xi sponsors li jkunu jistgħu jgħinu fl-iffinanzjar tal-attività.

23.2.19. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma kinitx kontra li jiżdied il-finanzjament biss il-Kunsill ma kienx bir bla qiegħ u tali flejjes kien hemm iktar postijiet fejn jistgħu jintefqu jew jiġu investiti.

## 23.3 TMIEM TAL-LAQGĦA

23.3.1. Il-laqgħa intemmet fis-5.55pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Nigel Holland<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |